**L-Ewropa hija kontinent tal-migrazzjonijiet**

L-att tal-libertà tal-moviment kif ukoll il-libertà tal-permanenza, huma jeddijiet tal-bniedem. Il-migranti sawru l-kulturi u s-soċjetajiet fl-imgħoddi, u se jibqgħu jagħmlu hekk. B'danakollu, iżda, il-migrazzjoni forzata twassal għas-sofferenza u d-deklin, u l-kawżi li minħabba fihom in-nies ikunu mġiegħla jitilqu s-soċjetajiet tagħhom jeħtieġ ikunu missielta. Falla kulmin ittanta jagħmel fortizza mill-Ewropa.

Il-fruntieri tal-Unjoni Ewropea mhumiex limitati għall-fruntieri ta' barra, imma huma preżenti wkoll fl-ajruporti, fil-kontrolli sommarji tal-identità 'l ġewwa mill-fruntieri u fis-sistemi elettroniċi tal-kontroll illi qed jiġu implimentati fl-Ewropa kollha.

Illum aktar minn qatt qabel jeħtieġ li jkollna pożizzjonijiet komuni. Il-Ħodor Ewropej jaqblu ma' strateġija komuni għall-Migrazzjoni, li tkun tagħmel enfasi fuq is-solidarjetà. Jekk inħarsu lejha bħala fenomenu globali, ikollna l-opportunitajiet għal analiżi effettiva. Aħna l-Ħodor insejsu l-pożizzjoni tagħna fuq il-jeddijiet li ċ-ċittadini jrid ikollhom. M'hijiex imsejsa fuq ir-restrizzjonijiet li nistgħu nimponu fuqhom.

Aħna l-Ħodor nistinkaw għal politiki proattivi illi jkunu ta' benefiċċju għall-migrant u għas-soċjetà kollha kemm hi. Il-politika tal-inklużjoni – aħna nippreferu dan it-terminu flok l-ieħor użat aktar komunement, "integrazzjoni" – m'hijiex xi pjaċir li qed nagħmlu lill-migranti, imma hija meħtieġa għalbiex is-soċjetà kollha kemm hi tiffunzjona. Huwa proċess li jistagħna lill-popolazzjoni kollha kemm hi. Jekk ma jsirx sew – bħalma huwa l-każ fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej – allura jistgħu u fil-fatt ifiġġu l-problemi, il-biżgħat, l-ansjetajiet, u l-preġudizzji, fuq iż-żewġ naħiet.

Aħna l-Ħodor nemmnu fid-diversità bħala valur pożittiv. Ma nibżgħux mill-prospett tal-bidla fil-komunitajiet tagħna, għax nappoġġjaw l-inklużjoni bħala djalogu u mhux bħala impożizzjoni.

Aħna l-Ħodor irridu nifthu aktar pontijiet mal-Ewropa: dan għalina hu fundamentali. Aħna rridu nwessgħu l-kanali legali li jgħaddu minnhom in-nies li jridu jiġu joqogħdu fl-UE. Jekk ikun hemm mogħdijiet legali għad-dħul fl-Ewropa, anqas nies jimbarkaw fuq vjaġġi perikolużi li potenzjalment iwasslu biss għall-mewt.

Dawn il-prinċipji m'humiex se jwaqqfuna milli naħdmu fuq il-kawżi li jagħmlu mill-migrazzjoni neċessità u mhux għażla. Jeħtieġ li jkomplu jiġu żviluppati l-azzjonijiet li jikkumbattu l-bidla fil-klima u li jingħataw aktar finanzjamenti li jiggarantixxu riżultati definiti. Dan iġib miegħu wkoll aktar impjiegi. L-UE trid titfa' l-enerġiji kollha tagħha fl-isforz għall-prevenzjoni tal-kunflitti u għar-restawrazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' paċi fid-dinja kollha. It-titjib tal-iżvilupp reċiproku u l-assikurazzjoni li l-UE tagħti parti mill-baġit tagħha għall-edukazzjoni u l-iskemi tal-iżvilupp fil-pajjiżi li minnhom jiġu l-materji primi, huwa biss mezz ta' kif jiġi rrestawrat l-ekwilibriju fil-politiki Ewropej ta' migrazzjoni li huma aktar imxaqilbin lejn objettivi ta' infurzar tal-liġi milli lejn il-provvediment ta' trattament ikkaratterizzat mill-umanità, il-ħarsien, ir-rispett u l-empatija.

**Aċċess sħiħ għas-suq tax-xogħol għar-residenti kollha tal-UE**

Qabel ma jħarsu lejn il-migranti bil-potenzjali li jaħdmu barra l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom l-ewwel jagħtu aċċess sħiħ għas-suq tax-xogħol lir-residenti preżenti tal-Unjoni. Dan ifisser illi ċ-ċittadini tal-"Istati Membri l-ġodda" għandhom il-libertà sħiħa tal-moviment hekk kif pajjiżhom ikun issieħeb. Kull min ikun ġej minn pajjiż terz u jkun ġa insedja ruħu fl-UE, inklużi wkoll il-familji tagħhom, għandu jkollu aċċess sħiħ għas-suq tax-xogħol, u għall-faċilitajiet tas-saħħa u tal-edukazzjoni. Sabiex tiġi kkumbattuta d-diskriminazzjoni strutturali u fattwali tan-nisa, jeħtieġ illi l-viżi u l-permessi tax-xogħol tal-immigranti nisa jkunu indipendenti minn dawk ta' żwieġhom u wliedhom ħalli ma jkunux jiddependu mill-jedd tal-irġiel u t-tfal biex joqogħdu f'pajjiż. Wara tliet snin ta' residenza u xogħol, għandhom jirċievu l-istess jeddijiet soċjali u l-libertà tal-moviment u tal-insedjament bħala ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

**Il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni għax-xogħol: il-karta l-blu, il-migrazzjoni temporanja u l-istandards minimi**

Mal-proposta tal-UE li jkun hemm karta blu għall-migranti li huma altament ikkwalifikati, il-Partit tal-Ħodor Ewropej irid iżid il-possibilità ta' dħul faċilitat għall-ħaddiema medjament ikkwalifikati u għal dawk li ma humiex ikkwalifikati. Dan ikun jippermetti lil ċittadini ta' pajjiżi terzi illi jidħlu legalment fl-UE, u jfittxu impjieg u jottjenu permess tax-xogħol legalment. Wara ċertu żmien – ngħidu aħna sentejn jew

tlieta – għandu jkun possibbli li jibdlu minn status temporanju għal wieħed permanenti. Konxju mill-fatt li l-ħtiġiet u r-realtajiet tas-swieq tax-xogħol huma differenti f'kull Stat Membru, il-PĦE ma jiffavorixxix kwota ċentrali għall-UE kollha kemm hi, imma jippreferixxi li l-għażliet dwar l-ammonti jsiru f'livell nazzjonali. Il-PĦE jitlob illi jkun hemm qafas legali fil-livell tal-UE għall-istandards minimi dwar il-jeddijiet tal-migranti tax-xogħol. L-UE għandha tiggarantixxi l-ħarsien kontra l-abbuż minn min iħaddem u s-sidien tal-kerrejjiet, għandha tagħti lill-migranti l-possibbiltà u r-responsabbiltà illi jintegraw, jiżviluppaw ħiliethom u jipparteċipaw. L-istandards minimi għandhom jikkomprendu t-trasparenza, il-kriterji u l-iskadenzi għall-proċeduri ta' applikazzjoni, il-jedd għall-paga minima nazzjonali, ir-riunifikazzjoni tal-familji u l-aċċess għad-djar u l-edukazzjoni.

**Il-falliment tas-"Sistema tal-Ħaddiem Mistieden"**
Kull tip ta' migrazzjoni twassal għat-trasferiment ta' ħiliet, ideat, u għarfien, toħloq ir-rabtiet u ċ-ċrieki interpersonali, tikkontribwixxi għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku kemm tal-pajjiż oriġinarju kemm ta' dak li jospita, kif ukoll tikkontribwixxi għall-ħaddiema infushom. Illum il-ġurnata l-biċċa l-kbira tal-migranti ma jistgħux jiċċaqilqu liberament minn u lejn il-pajjiżi oriġinarji tagħhom, għax it-tluq mill-Unjoni Ewropea jfisser is-sogru kbir li qatt ma jkun hemm riammissjoni. Il-PĦE ma jaċċettax l-idea proposta ta' migrazzjoni ċirkolari, li tilqa' l-migranti temporanjament biss, minħabba r-riskju tal-falliment bħalma kienet is-"Sistema tal-ħaddiem mistieden" ta' dari. Il-migranti li jiddaħħlu temporanjament għandu jkollhom l-għażla li jistgħu jottjenu permess ta' residenza permanenti. L-Istati Membri għandhom jistimolaw il-migrazzjoni billi joħolqu kondizzjonijiet għall-migranti, mingħajr ma jaffettwawlhom jeddijiethom u għażliethom. Barra minhekk, l-UE għandha tikkontribwixxi għat-trasferiment tal-ħiliet u l-għerf billi tikkonċedi l-aċċess għall-universitajiet u l-iskejjel ta' studji għolja lil numru kbir ta' persuni ġejjin minn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

**Il-Ħodor, il-migranti u s-soċjetà**
Aħna l-Ħodor nirrikonoxxu illi l-Ewropa llum hija kontinent li fih jikkoeżistu bosta kulturi. Aħna nisħqu dwar il-proċess tal-inklużjoni li permezz tiegħu l-abitanti kollha tal-Ewropa jistgħu jkattru l-parteċipazzjoni ekwa tagħhom fis-soċjetà. L-objettiv ta' dawn il-proċessi u tas-soċjetà ideali tagħna huwa wieħed li fih iċ-ċittadini kollha jkunu integrati, b'jeddijiet indaqs u b'għażliet ġusti.

**L-integrazzjoni: m'għandhiex tkun prerekwiżit għall-migranti, imma objettiv**
Fl-aħħar snin, il-politiċi mill-Ewropa kkunsidraw il-possibbiltà tal-integrazzjoni bħala rekwiżit biex wieħed jimmigra għall-Ewropa. Aħna l-Ħodor ma naqblux ma' din il-veduta: l-integrazzjoni hija objettiv u l-proċessi tal-inklużjoni huma għodda li s-soċjetà tuża biex tgħin liċ-ċittadini kollha jipparteċipaw. L-inklużjoni għandha sseħħ meta l-migrant ikun fl-Ewropa, u mhux qabel. Il-politika tal-inklużjoni hija mixtieqa u meħtieġa biex is-soċjetà tagħna kollha kemm hi taħdem aħjar.

**Il-politika tal-inklużjoni tal-Ħodor: proċess f'żewġ direzzjonijiet**
Għalina l-Ħodor huwa fundamentali li jintgħaraf illi soċjetà integrata hija waħda li tirrispetta l-gruppi diversi kif ukoll l-individwi. Ma huwiex biss il-migrant li għandu jadatta għall-Ewropa: anki l-Ewropa għandha tadatta għall-migrant. Il-proċess tal-inklużjoni huwa djalogu, u bħal kull djalogu ieħor għandu żewġ direzzjonijiet. Bl-istess mod kif nitolbu lill-migranti jaddattaw ruħhom għal soċjetà ġdida, hekk ukoll nitolbu lis-soċjetà eżistenti tinbidel b'mod illi dawk li jkunu għadhom kif waslu jħossuhom milqugħin.
F'dan id-djalogu huwa ċar għall-Ħodor illi kulħadd għandu jaċċetta l-prinċipji li tant nisa u rġiel tqabdu għalihom għal deċennji sħaħ, bħalma huma s-sekulariżmu u l-firda bejn reliġjon u stat, il-jeddijiet tan-nisa, il-jeddijiet tal-minoranzi sesswali, ir-regoli demokratiċi tat-teħid maġġoritarju tad-deċiżjonijiet, filwaqt illi jkunu osservati l-fehmiet tal-minoranzi, u oħrajn.

**Il-politika tal-inklużjoni tal-Ħodor: organizzazzjonijiet u netwerks**
Il-migranti jorganizzaw ruħhom b'mod differenti f'kull pajjiż. Aħna l-Ħodor nirrikonoxxu l-irwol pożittiv li dawn l-individwi organizzati jista' jkollhom fil-proċess tal-inklużjoni. Billi huma ta' siwi daqs l-organizzazzjonijiet formali, aħna nirrikonoxxu u napprezzaw l-eżistenza ta' netwerks informali ta' individwi, li huma ta' valur għas-soċjetà tagħna.

**Il-politika tal-inklużjoni tal-Ħodor: il-jeddijiet tal-migrant**
Il-migranti kollha huma intitolati għall-jeddijiet fundamentali tal-bniedem. Ir-riunifikazzjoni tal-familja hija waħda minn dawn il-jeddijiet: aħna nonoraw għalkollox il-jedd ta' kulħadd illi jgħix ma' familtu, bħalma jingħad fil-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem. Hemm tendenza fl-Istati Membri tal-UE illi n-nies jiġu ristretti milli jeżerċitaw dan il-jedd, billi jsiru talbiet mhux raġonevoli lill-migranti li jridu

jingħaqdu mill-ġdid mal-familji tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Ix-xkiel, bħalma huwa l-eżami tal-lingwa fil-pajjiż tagħhom tal-oriġini jew ir-rekwiżit li jaqilgħu ħafna aktar mill-paga minima, joħloq preġudizzju. Aħna l-Ħodor inwarrbu dawn ir-rekwiżiti u niggarantixxu l-jedd li wieħed jgħix ma' familtu. Jeddijiet oħrajn jistgħu jiżdiedu biż-żmien, sal-punt li l-migranti jkollhom l-istess jeddijiet ugwali bħalma għandhom iċ-ċittadini Ewropej. Aħna nistinkaw għal soċjetà li fiha l-individwi kollha huma ugwali quddiem il-liġi.

**Aċċess għall-ażil politiku**

Kull persuna li teħtieġ il-kenn skont il-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra għandu jkollha l-possibbiltà ta' aċċess għal proċedura ġusta tal-kenn politiku fl-Ewropa. Il-Ħodor jesiġu li l-aċċess għal proċedura ġusta tal-kenn politiku jkun dejjem konċess lil dawk li jeħtiġuh, b'ilsien li dak li jfittex l-ażil politiku jista' jifhmu jew li jkollu l-għajnuna ta' traduttur u b'assistenza legali mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedimenti. F'kull każ tkun meħtieġa valutazzjoni individwali, imsejsa fuq it-tagħrif oġġettiv tal-qagħda tal-jeddijiet tal-bniedem fil-pajjiż tal-oriġini. L-aġenziji ma għandhom qatt jagħmlu użu minn elenki ta' "pajjiżi terzi sikuri" għax dawn rarament jirriflettu l-kondizzjonijiet ħarxa tal-għajxien f'xi pajjiżi. L-aġenzija responsabbli mill-ipproċessar tat-talba għandha tkun indipendenti mill-gvern.

**Ħarsien abbażi tas-sess u l-orjentament sesswali**

Jekk xi ħadd li jkun ħarab mill-pajjiż oriġinarju tiegħu għal raġunijiet ta' sess, bħalma huma l-mutilazzjoni ġenitali, l-oppressjoni jew il-persekuzzjoni reliġjuża minħabba s-sess, 'delitti tal-unur', stupru, abort furzat jew sterilizzazzjoni, ir-raġunijiet tiegħu għandhom jintlaqgħu bħala raġunijiet biex jinkiseb il-kenn politiku fil-pajjiżi kollha tal-UE, flimkien mal-persekuzzjoni abbażi tal-orjentament sesswali. La d-diffikultà rikonoxxuta għall-ksib tal-provi tal-persekuzzjonijiet imsemmijin u lanqas il-kunċett ta' 'pajjiżi sikuri' ma għandu jkollhom impatt negattiv fuq il-konċessjoni tal-istatus ta' refuġjat skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

**Ħarsien ta' persuni qed jaħarbu minn gwerra**

Dawk li jfittxu l-ażil għax ikunu qegħdin jaħarbu minn sitwazzjoni ta' kunflitti għandu jingħatalhom ħarsien ta' kwalità għolja, b'jeddijiet minimi, bħalma huma r-riunifikazzjoni tal-familja u l-aċċess għas-swieq tax-xogħol. Jekk il-gwerra li qed jaħarbu minnha tkun għadha għaddejja wara tliet snin, għandu jingħatalhom permess ta' residenza permanenti.

**Refuġjati minħabba l-bidla fil-klima**

Illum hawn migranti, persuni spostati u l-familji tagħhom illi jkollhom bilfors jitilqu minn arthom minħabba d-diżastru ambjentali mgħaġġel u dejjem jikber li ġej mill-bidla fil-klima u fl-ekoloġija li tinkludi wkoll il-livell dejjem jogħla tal-baħar, l-erożjoni tal-kosta, id-deżertifikazzjoni, il-kollass tal-ekosistemi, il-kontaminazzjoni tal-ilma u l-ġrajjiet marbuta mat-temp illi qed isiru aktar frekwenti u imprevedibbli. Minħabba f'hekk, l-abitanti ma jistgħux jgħixu ħajjithom b'mod sikur u sostenibbli fl-ambjent immedjat. Hemm xi gżejjer li huma fl-istess waqt nazzjon illi għandhom mnejn ma jibqgħux jeżistu. Il-kelma 'refuġjat' intużat b'konnotati morali b'saħħithom ta' ħarsien soċjetali f'ħafna kulturi fid-dinja kollha, u issa jeħtieġ li tkun estiża għal dawk li huma mġegħlin jemigraw minħabba fil-bidla klimatika.

**Il-konvenzjoni ta' Dublin**

Il-PĦE huwa favur ir-reviżjoni jew it-tneħħija tal-Konvenzjoni ta' Dublin II fuq il-bażi li toħloq oneru sproporzjonat għal xi pajjiżi u tikkomplika l-ipproċessar tat-talbiet għall-ażil politiku. It-tneħħija ta' din il-Konvenzjoni hija essenzjali għal pajjiżi żgħar li qabel kienu jservu ta' 'transitu.' L-Istati Membri għandhom juru aktar solidarjetà reċiproka fit-teħid tar-responsabbilà għat-talbiet għall-kenn politiku. L-Unjoni Ewropea għandha tiggarantixxi li jkun hemm livell għoli ta' ħarsien f'kull aspett. Aħna favur li tispiċċa s-sistema li l-pajjiżi tal-fruntiera għandhom iġorru l-biċċa l-kbira tal-piż tal-migrazzjoni: min ifittex l-ażil politiku għandu jitħalla jfittex l-ażil politiku (biss) darba fil-pajjiż tal-għażla tagħhom, li ma jkunx bilfors il-pajjiż li minnu daħlu fl-Ewropa. Il-Fond Ewropew għar-Refuġjati jikkumpensa finanzjarjament lill-Istati Membri li jkunu ħadu ħsieb l-akbar numru ta' min ifittex l-ażil politiku. Min ifittex l-ażil politiku ma għandux jiġi ddeportat lejn pajjiżi ġirien mingħajr ma jkollu t-talba tagħhom għal ażil politiku vvalutata.

**Il-fruntieri**

Il-PĦE huwa favur il-kompetenza tal-UE għas-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, biex ma jkunx hemm piż żejjed fuq il-pajjiżi tal-fruntiera. Il-Frontex għandha tirrikonoxxi l-Konvenzjonijiet Internazzjonali dwar ir-refuġjati u l-Konvenzjoni Ewropea tal-Jeddijiet tal-Bniedem. Il-jeddijiet fundamentali għandhom jiġu integrati fit-taħriġ li jingħata lill-persunal tal-Frontex. Il-PĦE jikkritika lill-Frontex, l-aġenzija tal-UE li għandha r-responsabbiltà għall-kontroll tal-fruntieri, talli aktar ħsiebha fid-deterrenti għall-migranti milli biex tħarishom meta jaslu fl-UE. L-UE qatt ma għandha twaqqaf lin-nies milli 'l quddiem jitolbu l-kenn politiku u jiġu rikonoxxuti bħala refuġjati. Ġaladarba mhux fir-responsabbiltà tal-Frontex illi tittratta r-raġunijiet għall-migrazzjoni, il-Frontex ma tistax tnaqqas il-għadd ta' migranti irregolari ġejjin lejn l-UE, għad illi tista' ssalva l-ħajjiet billi tagħti sokkors lil dawk li jkunu qed jaqsmu l-baħar bid-dgħajjes.

**Id-detenzjoni**
L-Ewropej Ħodor jopponu l-prinċipju tad-detenzjoni ta' persuni li ma jkunu nstabu ħatja ta' ebda delitt imma li jkunu sempliċement kisru regola amministrattiva (jiġifieri daħlu jew qagħdu mingħajr dokumentazzjoni kif suppost, fl-Unjoni Ewropa).Id-detenzjoni hija paradoss ġuridiku. Sakemm id-detenzjoni tibqa' teżisti, il-PĦE jitlob li d-detenzjoni tkun għall-aqsar żmien possibbli (preferibbilment għal ftit ġranet biss) u fl-aħjar kondizzjonijiet possibbli (għal dak li għandu x'jaqsam mar-rikreazzjoni, l-iġjene, u l-privatezza) u ma għandha qatt tiġi applikata għall-minorenni, għal min ifittex l-ażil politiku u għal dawk f'qagħda vulnerabbli. Id-detenuti kollha għandu jkollhom aċċess għal parir legali mingħajr ħlas, għal assistenza soċjali u għal għajnuna medika fiċ-ċentru. Sabiex ikun hemm aktar trasparenza, iċ-ċentri għandhom jiġu spezzjonati minn istituzzjoni responsabbli għall-kontroll tal-istandards tal-postijiet ta' detenzjoni. Iċ-ċentri għandhom ikunu miftuħin ukoll għall-politiċi, għall-mezzi tax-xandir, għall-NGOs, u għall-organizzazzjonijiet internazzjonali. L-użu tal-manetti u kull trattament ieħor degradanti fuq il-migranti huwa kkundannat.

**It-titjib tal-qagħda għall-migranti irregolari**
Bosta migranti irregolari jbatu mill-qagħda xejn sikura tagħhom, min-nuqqas ta' jeddijiet u mir-riskju ta' abbuż u sfruttament. Il-migranti irregolari għandu jkollhom aċċess għas-servizzi bażiċi, bħalma huma l-kura tas-saħħa, u l-edukazzjoni għat-tfal. Il-PĦE irid inaqqas il-għadd tagħhom billi joħloq aktar mezzi legali biex jidħlu fl-Unjoni Ewropea. Barra minhekk, il-PĦE huwa favur ir-regolarizzazzjonijiet għall-migranti irregolari li jkunu taw kontribut lill-Istati Membri għal numru ta' snin.

**Assistenza lill-migranti irregolari**
Il-PĦE jagħmel differenza bejn nies li jgħinu lill-migranti irregolari (kuntrabandieri, nies li joffru l-kenn jew jagħtu s-sokkors fuq il-baħar...) u nies li jabbużaw mill-migranti (it-traffikanti, is-sidien tal-kerrejjiet...). Għad illi l-abbuż mill-migranti għandu jiġi kkastigat, il-għajnuna lil migranti mingħajr dokumenti għandha tiġi ttollerata u ma titqiesx bħala delitt. Il-kaptani li jagħtu s-sokkors lil min qed jaqsam il-baħar fuq dgħajsa m'għandux isir ħaqq minnhom. Minflok, l-Istati Membri kollha għandhom jiftħu l-portijiet tagħhom għan-nawfragi.

**It-traffikar tal-bnedmin, in-netwerks tal-kuntrabandu**
L-aħjar mezz biex jiġu attakkati n-netwerks tal-kuntrabandisti huwa li jiġu mċaħħdin mill-profitti tagħhom. Hemm politiki illi għandhom effetti indiretti fuq il-profitabbiltà tal-attività tat-traffikar. Il-kampanji ta' regolarizzazzjoni, l-amnestiji għall-migranti illegali, u t-taħriġ għall-impjiegi lkoll inaqqsu l-profitt mistenni tat-traffikanti għax inaqqsu t-twettiq tal-kuntratti ta' dejn bejn l-intermedjarji u l-migranti. Fil-qasam legali, il-ftehimiet għat-traffikar ikunu aktar diffiċli biex jitwettqu, il-migrant ma jħallasx u jkun jista' jirrikorri għand il-pulizija għall-protezzjoni hekk kif jirċievi status legali.
Sabiex jeħduha kontra t-traffikar tal-bnedmin, il-vittmi tat-traffikar innifsu li jkunu ġew imġegħlin (jew l-intenzjoni tkun li jkunu sfurzati) jaħdmu fl-industrija tas-sess jew f'residenzi diplomatiċi jew ta' xort' oħra, jew ġew imġegħlin jew l-intenzjoni tkun li jkunu mġegħlin jiżżewġu, eċċ, fl-UE kontra r-rieda tagħhom, għandhom jiksbu l-jedd tal-permanenza u jingħatalhom permess tax-xogħol regolari.